MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 1009/2012

**Macoil International S.A., socjeta' registratata fil-Liberja, rapprezentata hawn Malta mill-mandatarju specjali taghha l-Avukat Dottor Kris Balzan**

**vs**

**Aeolus Compania Naviera S.A., socjeta' registrata gewwa l-Liberja, rapprezentata hawn Malta mir-*resident agent* taghha Miriam Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta attrici tat-8 ta' Ottubru 2012 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta ntimata hija proprjetarja tal-bastiment "Captain Nikolas I", registrat Malta u li ghandu n-numru tal-IMO 9483774;

2. Illi s-socjeta rikorrenti, fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009), f'Gibilta, forniet bunkers lill-bastiment "Captain Nikolas I";

3. Illi s-socjeta intimata ma hallsitx lis-socjeta rikorrenti l-ammont globali ta' disgha u disghin elf, mija u tnejn u ghoxrin dollaru Amerikan u hdax-il centezmu ($99,122.11) - ekwivalenti ghal sitta u sebghin elf, tmien mija u tmienja u erbghin euro u tmienja u tietin euro centezmu (euro 76,848.38) rapprezentanti:

(i) in kwantu tnejn u tmenin elf, tlett mija u dsatax-il dollaru Amerikan u sitta u hamsin centezmu ($82,319.56 – ekwivalenti ghal tlieta u sittin elf, tmien mija u wiehed u ghoxrin euro u tlieta u hamsin euro centezmu (euro 63,821.53) – prezz tal-bunkers fornuti;

(ii) in kwantu elfejn u hames mitt dollaru Amerikan ($2,500) - ekwivalenti ghal elf, disa' mija u tmienja u tletin euro u tlieta u ghoxrin euro centezmu (Euro 1,938.23) - ghal spejjez tal-konsenja, kif jirrizulta ahjar mill-ircevuta 'Bunker Delivery Receipt' (hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument B") u mill-invoice (hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument C");

(iii) in kwantu erbatax-il elf, tlett mija u zewg dollari Amerikani u hamsa u hamsin centezmu ($14, 302.55) - ekwivalenti ghal hdax-il elf, u tmienja u tmenin euro u tnejn u sittin euro centezmu (euro 11,088.62) - bhala imghaxijiet dovuti fuq erbgha u tmenin elf, tmien mija u dsatax-il dollaru Amerikan u sitta u hamsin centezmu ($84,819.56) liema ammont jinkludi kemm il-prezz ta' US$ 82,319. 56 kif ukoll US$ 2,500 dovuti bhala spejjez tal-konsenja - ekwivalenti ghal hamsa u sittin elf, seba' mija u disgha u hamsin euro u sitta u sebghin euro centezmu (Euro 65,759.76) - u liema imghax huwa akkumulat sal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011);

4. Illi l-ammonti hawn fuq indikati fil-paragrafi precedenti gew determinati u konfermati mill-Qorti distrettwali ta' Piraeus gewwa l-Grecja permezz ta' sentenza (li qed tigi

appellata mis-socjeta intimata) li tat nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012) (hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument D ") u li, permezz tal-istess sentenza, l-istess Qorti kienet ordnat ukoll lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti l-ammont addizzjonali ta' elfejn, seba' mija u hamsin euro (euro 2,750) rapprezentanti parti mill-ispejjez legali tas-socjeta rikorrenti;

5. Illi din il-pretensjoni tas-socjeta rikorrenti fil-konfront tas-socjeta intimata tirrigwarda, u tirrizulta minn ftehim, li jipprovdi ghal "kull pretensjoni rigward merkanzija, materjal, provizjonijiet, bunkers, provvisti u necessitajiet forniti lil vapur ghat-thaddim, immaniggar, zamma u manutenzjoni tieghu" kif previst mill-artikolu 742B(o) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u azzjonabbli bhala azzjoni in rem a tenur tal-artiklu 742D tal-Kap. 12 b'dan ghalhekk illi tikkostitwixxi dritt fi, u jew fuq, bastiment kif mfisser fl-artikolu 37(10)(a)(iv) u/jew (v) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kif ser jigi ppruvat ahjar waqt is-smigh tal-kawza u konsegwentement dina l-Onorabbli Qorti ghandha s-setgha li tipprojbixxi kull negozju dwar xi bastiment jew sehem fih ai termini tal-istess art. 37;

6. Illi sa fejn taf is-socjeta rikorrenti, l-assi tas-socjeta intimata jikkonsistu mill-bastiment "Captain Nikolas I" u jekk is-socjeta intimata tbiegh jew tittrasferixxi b'xi mod iehor dan il-bastiment, jew xi sehem tieghu, il-kreditu tas-socjeta attrici jigi eluz;

Tghid ghalhekk is-socjeta intimata ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh, jew self, fir-rigward tal-bastiment "Captain Nikolas I" (Numru tal-IMO 9483774), u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment, kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati 'mortgages' fuq l-istess bastiment u lanqas jinhareg ebda "deletion certificate" u dan taht dawk il-kondizzjonijiet u pattijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni u dan skond l-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna li kull ordni maghmula minn din l-Onorabbli Qorti tigi notifikata lir-Registratur Generali ta' Bastimenti u Bahrin a tenur tal-istess artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta intimata li tibqa' ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li l-konvenuta debitament notifikata baqghet kontumaci;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-20 ta' Novembru 2012.

**Ikkunsidrat**

Is-socjeta attrici gabet prova dokumentarja illi b'sentenza tal-Qorti ta' Piraeus fil-Grecja fil-25 ta' Gunju 2012 is-socjeta attrici giet kanonizzata kreditrici tas-socjeta konvenuta fis-somma indikata mill-istess socjeta attrici fil-premessi ta' din il-kawza. Din is-sentenza hi soggetta ghall-appell maghmul mis-socjeta debitrici. L-ammont hu dovut ghal bunkering, spejjez u imghaxijiet.

Il-pretensjoni tas-socjeta rikorrenti fil-konfront tas-socjeta intimata tirrigwarda, u tirrizulta minn ftehim, li jipprovdi ghal "kull pretensjoni rigward merkanzija, materjal, provizjonijiet, bunkers, provvisti u necessitajiet forniti lil vapur ghat-thaddim, immaniggar, zamma u manutenzjoni tieghu" kif previst mill-artikolu 742B(o) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u azzjonabbli bhala azzjoni in rem a tenur tal-artiklu 742D tal-Kap. 12 b'dan ghalhekk illi tikkostitwixxi dritt fi, u jew fuq, bastiment kif mfisser fl-artikolu 37(10)(a)(iv) u/jew (v) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta. Konsegwentement dina l-Onorabbli Qorti ghandha s-setgha li tipprojbixxi kull negozju dwar xi bastiment jew sehem fih ai termini tal-istess art. 37 kif mitlub mis-socjeta attrici.

**Decide**

Billi t-talba attrici ghalhekk tirrizulta ppruvata fit-termini kif maghmula, il-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u tordna li tigi notifikata Iir-Registratur Generali ta' Bastimenti u Bahrin a tenur tal-istess artikolu 37 taI-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

BI-ispejjez kontra s-socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------